*RIKORS REVOKA MANDAT KAWTELATORJU*

*- ART 836(1) (F)*

*- ART 836 (9)(C) – DANNI*

# QORTI CIVILI
## - PRIM AWLA -

### -SEZZJONI FAMILJA-

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**

**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit**

**Illum il-Hamis, 7 ta' April 2016**

**Kawza Nru**: 1

**Rikors Revoka**: 58/16 LSO

Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 18/16/LSO fl-ismijiet:

**Maria Theresa sive Marthese Thorn K.I.733161)**

**vs**

**Alfred Saliba (K.I. 302055M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat fl-14 ta’ Marzu 2016 mill-ezekutat ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju Nru.18/16 fl-ismijiet fuq premessi.

Ir-rikorrent jikkontendi li dan il-mandat huwa ghal kollox abbuziv billi l-partijiet ilhom separati legalment ghal hdax-il sena, u l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejniethom giet itterminata u likwidata b'effett tas-sentenza imsemmija li ghaddiet in gudikat. Aparti li jillamenta mid-diffikultajiet kwotidjani li qed jirrinfaccja b'effett tal-mandat, jghid li bbenefika minn skema tal-irtirar applikabbli ghal dawk li dahhlu jahdmu mal-Gvern qabel is-1979 u kkommuta parti mill-pensjoni tieghu f'somma kapitali.  B'hekk ircieva €34,560.42 hlas ghal darba wahda biss. B'effett ta' din l-ghazla l-pensjoni li kien igawdi ta' €921.61 giet ridotta ghall-€691.21.

Skont is-sentenza tal-Qorti tal-Familja, martu ghandha dritt ghall-€52 fix-xahar manteniment, liema somma qed tinqata' direttament mill-pensjoni percepibbli minnu.

L-argument tar-rikorrent huwa mibni fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

- Is-sentenza imsemmija ma taghmel l-ebda accenn ghall-pensjoni bhala parti mill-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn il-partijiet u minn din is-sentenza ma kienx hemm appell.

- ladarba il-komunjoni tal-akkwisti giet itterminata l-intimata m'ghandha l-ebda dritt tattakka l-pensjoni ta' zewgha.

Rat id-Digriet taghha tal-14 ta' Marzu 2016 fejn ordnat in-notifika lill-kontro-parti li permezz ta' nota fi zmien sebat ijiem (7) min-notifika ta' l-istess ghandha taghti r-ragunijiet ghaliex it-talbiet tar-rikorrent m'ghandhomx jintlaqghu. Inoltre appuntat ir-rikors ghas-smigh ghat-22 ta' Marzu 2016 fl-10.30 a.m.

Rat in-nota ta' Maria Theresa Thorne pprezentata fil-21 ta' Marzu 2016 fejn opponiet ghat-talba. Tghid li r-rikorrent dahal fl-iskema tal-irtirar offruta lill-impjegati tal-Gvern f'Gunju 1975 . Huma zzewgu fis-17 ta' Novembru 1979 u sseparaw fl-24 ta' Frar 2005. Dam jahdem sal-1 ta' April 2015. Ghaldaqstant tivvanta pretensjoni fuq is-somma kommutata billi hija mahduma fuq snin ta' servizz maghmula almenu waqt parti miz-zwieg taghhom u dan anke fit-termini tal-**artikolu 1320(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta 22 ta' Marzu 2016 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru il-partijiet assititi ,Dr. Anne-Marie Bisazza ghal Alfred Saliba prezenti u Dr. Sharon Mizzi Deguara ghal Maria Theresa Thorn prezenti. Il-Qorti semghet lid-difensuri tal-partijiet u ddifferiet ir-rikors ghal digriet ghas-7 ta' April 2016 fid-9.30 a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi dan hu rikors ipprezentat minn Alfed Saliba fejn qed jitlob ir-revoka ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju *ai termini* tal-**Art 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.** Qed jitlob ukoll li l-ezekutanti tigi kkundannata thallas id-danni *ai termini* tal-**artikolu 836(9) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Fatti**

L-intimata odjerna ottjeniet il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra zewgha, minnu legalment separata fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000) rapprezentanti "*somma in kawtela tal-kreditu taghha formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti .*"

Jirrizulta, izda, li l-partijiet isseparaw legalment in forza ta' sentenza li ghaddiet in gudikat fl-ismijiet fuq premessi (Cit. 1782/2001) deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fl-24 ta' Frar 2005.

Recentement l-intimata bdiet proceduri ta' medjazzjoni sabiex titlob sehem mis-somma li r-rikorrent odjern rcieva billi qed tippretendi jedd fuqha.

B'effett tal-mandat premess gew sekwestrati flus kontanti depozitati fl-HSBC Bank Malta p.l.c., APS Bank u Bank of Valletta p.l.c.

**<u>Konsiderazzjoni ta' Dritt</u>**

Illi skont kif inhi formulata t-talba odjerna, r-rikorrent qed jitlob ir-revoka tal-mandat *ai termini* tal-**artikolu 836(1) (f) tal-Kap 12 li jipprovdi:**

**"*836.*** *(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l- att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l- att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli."*

Illi kif inghad bosta drabi fi proceduri bhal dawn, l-istharrig li ghandha taghmel il-Qorti huwa biss wiehed *prima facie* u dan ghaliex il-mertu jmissu jigi mistharreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet. (Ara P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001 **"Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co Ltd").**

Illi ghandu jinghad ukoll illi dak li l-Qorti trid tasal ghalih f'dawn il-proceduri ma ghandu bl-ebda mod jitqies li jkun qieghed isir xi gudizzju fil-mertu dwaru. Illi dan ifisser illi l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrent ezekutant

ghandu bazi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja ma ghandux jigi mxejjen jew imgarrab b'leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. (**"Vincent Mercieca vs George Galea"** – P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001; **"Technobroadcast s.r.l vs Mediterranean Broadcasting Limited"** – P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2007).

Il-Qorti ser tghaddi biex tezamina s-subartikolu ccitat mir-rikorrent fid-dawl tal-fatti li ghandha quddiemha.

**Artikolu 836(1)(f)**

Illi din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz "***Spiteri v Darmanin"*** - (PA(JRM) dec. fil-25 ta' Awwissu 2010 ma hallietx dubju dwar l-interpretazzjoni korretta ta' dan is-subartikolu u rriteniet: *"Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ[1]. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ*".

[1] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***"Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et"***

Il-Qorti taqbel ma' din l-interpretazzjoni. Effettivament ghandu jirrizulta lill-Qorti li kien hemm xi tibdil fic-cirkostanzi sabiex twassalha biex tiddeciedi li mandat li kien ragjonevoli *ab inizio*, jew gustifikabbli, issa m'ghadux.

Dan ifisser li l-investigazzjoni li ghandha taghmel din il-Qorti huwa fuq zewg binarji:

1. Li jigi stabbilit li l-mandat kien almenu *prima facie* ragjonevoli *ab inizio;*

2. Jekk jirrizulta li kien ragjonevoli mad-daqqa t'ghajn, allura tinvestiga jekk kien hemm xi tibdil sussegwenti fic-cirkostanzi li jiggustifika t-talba ghar-revoka.

**Kontro Mandat 78/16** mahrug fit-30 ta' Marzu 2016.

Fil-kaz odjern irrizulta fit-trattazzjoni li l-HSBC Bank Malta plc iddepozita taht l-awtorita' tal-Qorti l-ammont ta' €25,000 fl-atti tal-Mandat u b'hekk ma hemm l-ebda raguni ghaliex il-Mandat ghandu jinzamm fis-sehh fuq il-kontijiet kollha sekwestrati. Din ir-raguni ma gietx dedotta mir-rikorrent izda jirrizulta li fil-mori ta' din id-decizjoni inhareg kontro mandat[2] in kwantu li dan jolqot lis-sekwestratarju kollha ghajr l-HSBC Bank Malta plc.

[2] Kontro-Mandat 78/16 mahrug fit-30 ta' Marzu 2016.

Ghalhekk din id-decizjoni hija limitata biss ghaz-zamma tal-mandat *ai fini* tac-cedola tad-depozitu mill-HSBC Bank Malta plc bhala sekwestratarju.

Tibda biex tosserva li r-raguni ta' skumdita dedotta mir-rikorrent mhix raguni bizzejjed biex ixxejjen mandat mahrug regolarment. Difatti gie ribadit li safejn jirrigwarda l-element tal-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat, dan jimplika xi ħaġa iżjed minn skomdu jew diffikulta' għall-parti li tkun talbet il-ħruġ ta' dak il-Mandat[3].

Aktar ta' rilevanza hija r-raguni moghtija li l-intimata m'ghandha l-ebda jedd biex tivvanta, lanqas fuq bazi merament *prima facie* billi l-partijiet ilhom separati ghal fuq minn 11-il sena b'sentenza li ghaddiet in gudikat.

Din il-Qorti hadet konjizzjoni gudizzjarja tas-sentenza imsemmija minn fejn jirrizulta li l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet giet xolta u likwidata. Il-pensjoni tar-ragel ma ssemma mkien. Inoltre r-rikorrent ihallasha €52 ewro fix-xahar bhala manteniment ghaliha.

Madanakollu ghalkemm is-sentenza bejn il-partijiet ghaddiet in gudikat u b'hekk taghmel stat bejniethom, l-ghazla li ezercita' r-rikorrent odjern sehh wara li nghatat is-sentenza. Jekk l-intimata ghandha l-jedd *o meno* li tottjeni sehem mis-somma imhallsa hija kwistjoni li ghandha tigi investigata mill-qorti kompetenti f'indagni aktar approfondita. Dan ser jinnecessita argumenti ta' natura legali

---

[3] Kumm **26.5.1995** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1387**)

kif ukoll fattwali li mhiex fil-kompitu ta' din il-Qorti li taghmilha f'dawn il-proceduri sommarji.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis li r-rikorrent ma rnexxielux jipprova l-elementi mehtiega in sostenn tat-talba tieghu ghar-revoka totali tal-mandat fit-termini tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 .

**Art 836(9) - Danni**

Illi saret talba wkoll sabiex is-sekwestranti tigi kkundannata thallas danni abbazi tal-**artikolu 836 (9) tal-Kap. 12.**

Ikkonsidrat li bl-emendi **ghall-artikolu 836 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili** li dahlu fis-sehh in forza ta' l-Att XXIV tal-1995, il-legislatur irrikonoxxa r-responsabbilita' ghad-danni tal-parti li titlob u tottjeni l-hrug ta' mandat kawtelatorju kemm-il darba jirrikorru c-cirkostanzi imsemmija fl-istess artikolu. F'dan ir-rigward li t-talba ghall-hlas ta’ danni, hija intimament konnessa mal-mod kif intalab il-hrug tal-mandat kawtelatorju u c-cirkostanzi kollha *prima facie* li wasslu l-istess sabiex tali talba tintlaqa’ mill-Qorti. Fid-decizjoni **“John Zarb vs Port Cottonera Limited”** (P.A. (TM) – 18 ta’ Settembru 2002) gie ribadit li:

*"Din il-Qorti, ghalhekk, fil-waqt li tista’ taqbel li c-cirkostanzi ta’ meta min ikun hareg mandat kawtelatorju jista’ jinsab responsabbli ghad-danni, mhux limitat ghal dak provdut fl-artikolu 836 (8) tal-Kap 12, thoss li r-responsabbilta` trid tohrog mill-applikazzjoni tal-artikolu*

*1031 u 1032 tal-Kodici Civili (Kap 16), b'mod li jkun responsabbli biss jekk jagixxi b'imprudenza, b'negligenza jew mhux bil-hsieb ta' bonus pater familias"*.

Madanakollu kif gie insenjat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz **CASINO-FOR-ME LIMITED vs CHARTWELL GAMES (MALTA) LIMITED (PA - JRM -** 27 ta' Awwissu 2008): "*talba bħal din tista' ssir biss b'azzjoni ġdida għaliha (illum il-ġurnata permezz ta' Rikors Maħluf) u mhux fil-qafas ta' rikors għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju. Kemm hu hekk, sa ma fl-2005 saru l-bidliet fil-liġi tal-proċedura u fl-atti li bihom jitressqu l-kawżi, l-artikolu 836(9) kien jirreferi għal "ċitazzjoni". Bil-bidla korrispondenti li saret bl-imsemmija emendi, dan ifisser li r-"rikors" li għalih illum jirreferi l-artikolu 836(9) irid ikun fis-sura tar-Rikors Maħluf maħsub fl-artikolu 156 tal-Kodiċi, li m'għandu x'jaqsam xejn mar-rikors imressaq mir-rikorrenti eżekutata f'dan il-każ*".

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li t-talba għall-kundanna tad-danni taħt l-artikolu 836(9) imressqa fi proceduri ghar-revoka ta' mandat hija irritwali għall-finijiet tal-artikolu 164(1) u qed tigi respinta.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi **tichad t-talba** fis-sens li l-mandat jinzamm *in vigore* in kwantu jolqot il-flus depozitati mill-HSBC Bank Malta plc bic-cedola 22/2016 taht l-awtorita' tal-Qorti u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba fir-rigward

tal-effetti tal-Mandat premess fuq is-sekwestratarji l-ohra billi fir-rigward taghhom gja inhareg kontro mandat opportun.

Fic-cirkostanzi kull parti thallas l-ispejjez tieghu/taghha.

**Degretat.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**7 ta' April 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**7 ta' April 2016**